# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Awwissu 2011

## dwar il-ħatra tal-membri tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 234/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini tal-25 ta' Mejju 2011,

Billi:

(1) Il-mandat ta' żewġ membri tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni li nħatru mill-Kummissjoni fuq rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini skada f'Lulju 2011.

(2) L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini rrakkomandat li dawn il-persuni jinħatru mill-ġdid.

(3) Il-membri tal-Kumitat għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin li jibdew fl-1 ta' Settembru 2011.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu waħdieni*

Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri mill-ġdid tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni għal mandat ta' tliet snin, mill-1 ta' Settembru 2011:

Prof. János BORVENDÉG

Prof. Bruno SEPODES

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1.